# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.2: Aħna kuluri sbieħ u differenti**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jiġu konxji tad-differenzi tagħhom.

b) Japprezzaw il-kwalitajiet ta' xulxin.

c) Jagħrfu li kulħadd hu speċjali meta kulħadd juża l-kwalitajiet tiegħu.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-Bibbja
- Powerpoint stampa ta' qawsalla/talenti
- A place for Everyone

  http://www.youtube.com/watch?v=o79gbf-M-j0

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Uri stampa tal-qawsalla u staqsi lit-tfal x'qed jaraw.
- Oħroġ il-punt tas-sbuħija meta l-kuluri huma kollha Flimkien.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Oħroġ il-fatt importanti li l-kuluri fid-differenzi tagħhom qegħdin jirrappreżentaw il-kwalitajiet differenti ta' kull persuna. Enfasizza dan il-punt permezz tal-qawsalla – li l-kuluri separati mhumiex sbieħ daqs kemm meta huma magħqudin f'qawsalla waħda.
- Uri l-istampa ta' talenti differenti u ħalli t-tfal jarawhom u jiddiskutu t-talenti diversi li hemm fl-istampi. Staqsi lit-tfal jagħżlu liema stampa l-iktar li togħġobhom u jgħidu għaliex.
- Wassal lit-tfal jifhmu li dak li għandna hu sabiħ u meta nużawh inkunu qed nikbru aħna u ngħinu lil ta' madwarna jagħmel l-istess.
- Oħroġ il-punt tal-importanza li għandna nagħtu lil kulħadd u l-imħabba li għandna nagħtu lil kulħadd.
- Uri l-video clip: A place for everyone **imma** qabel ma turih agħti spjega tal-messaġġ tiegħu.
- Staqsi lit-tfal x'qed tgħidilhom din l-istorja.

- Ikkonkludi l-lezzjoni billi terġa' tisħaq fuq il-punt li l-kapaċitajiet ta' kulħadd jagħmlu ambjent isbaħ u jgħinu biex aħna nikbru aktar ferħanin flimkien.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Jiena differenti minnek u int minni.
2. Aħna kollha ħbieb u bi kwalitajiet sbieħ.
3. B'li għandna aħna kollha speċjali.
4. Aħna speċjali meta nużaw dawn il-kwalitajiet li għandna.
5. Kemm hi sabiħa l-ħajja meta nużaw il-kwalitajiet tagħna!

**(Dawn il-punti jistgħu jintużaw ma' dawk li hemm fil-program.)**

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- Ejjew naħdmu u nkunu ferħanin billi niskopru t-talenti tagħna u nużawhom

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Il-video clip imsemmi fil-lezzjoni: *A Place for Everyone* (http://www.youtube.com/watch?v=o79gbf-M-j0)



**Nitolbu**

Kemm tajtni kwalitajiet sbieħ li bihom nista' nikber u nsir aħjar. Grazzi Mulej Ġesu'.

